**Messaġġ mill-Gvernatur**

Merħba fis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta, li mill-1 ta' Jannar 2008 sar membru ta' l-Eurosistema li tinkludi l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tas-sittax-il pajjiż li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom.

Issa li Malta adottat l-euro, il-Bank Ċentrali ta' Malta qed iħares 'l quddiem sabiex jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Eurosistema, b'mod partikolari ż-żamma ta' l-istabbiltà fil-prezzijiet. Dan ser isir permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u fl-istrutturi istituzzjonali kollha li jirrappurtaw lilu, kif ukoll permezz ta' l-integrazzjoni effettiva ta' l-operat tal-Bank f'dik ta' l-Eurosistema.

Matul l-erbgħin sena li ilu jeżisti, il-Bank Ċentrali ta' Malta ikkontribwixxa b'mod pożittiv għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż billi dejjem fittex li jilħaq l-għanijiet statutorji tiegħu. Barra dan, bħala riżultat tal-bidliet kbar li għadda minnhom matul dawn l-aħħar snin, il-Bank issa jinsab mħejji aħjar biex jaqdi l-obbligi eżistenti tiegħu u dawk ġodda bħala membru fl-Eurosistema, kif ukoll sabiex ikompli jippromwovi l-integrazzjoni tas-sistema finanzjarja ta' Malta ma' dik internazzjonali.

Fil-qadi ta' dmirijietu, il-Bank Ċentrali ta' Malta jibqa' marbut li jiżgura tmexxija serja, u jagħti importanza kbira lit-trasparenza u lill-kontabilità, li jqis bħala fatturi importanti għall-ħarsien ta' l-indipendenza tiegħu.

Nittamaw li t-tagħrif estensiv dwar l-operat tal-Bank u dwar l-ekonomija Maltija li jinsab f'dan is-sit ikun ta' siwi għall-osservaturi tax-xena ekonomika u finanzjarja lokali, kemm f'Malta kif ukoll lil hinn minn xtutha.

**Michael C Bonello**